IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2015
COM(2015) 464 final

2015/0215 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex testendi l-programm tal-AGOA (AGOA)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar it-talba tal-Istati Uniti għal tiġdid tal-eżenzjoni tagħha tad-WTO u b'hekk tippermetti lill-Unjoni Ewropea biex tappoġġja din it-talba għal eżenzjoni.
L-għoti tat-talba tal-Istati Uniti għal tiġdid tal-eżenzjoni tad-WTO jippermetti lill-Istati Uniti biex ikomplu jipprovdu trattament mingħajr dazju għal prodotti eliġibbli li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji tal-Afrika sub-Saħarjana magħżula skont l-Att Afrikan dwar it-Tkabbir u l-Opportunitajiet (AGOA - *African Growth and Opportunity Act*) sat-30 ta' Settembru 2025.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE) jistipula li meta jkun meħtieġ li tittieħed Deċiżjoni li jkollha effett legali f'korp stabbilit bi ftehim internazzjonali, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni. L-għoti ta' eżenzjoni li tippermetti lill-Istati Uniti tipprovdi trattament tariffarju preferenzjali għall-prodotti eliġibbli li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji tal-Afrika sub-Saħarjana magħżula skont l-AGOA, jaqa' taħt din id-dispożizzjoni billi d-deċiżjoni hija meħuda f'korp imwaqqaf minn ftehim internazzjonali (il-Kunsill Ġenerali tad-WTO jew Konferenza Ministerjali) li jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni Ewropea.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

M.a.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

M.a.

5. ELEMENTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni tkun awtorizzata tieħu pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea biex tappoġġja t-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO sa fejn ikun meħtieġ biex tippermetti lill-Istati Uniti jipprovdu trattament mingħajr dazju għal prodotti eliġibbli li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji sub-Saħarjani sat-30 ta' Settembru 2025.
L-objettiv tal-AGOA huwa li jnaqqas il-faqar u jippromwovi l-istabbiltà u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fl-Afrika sub-Saħarjana billi tiġi mrawma żieda fil-kummerċ u l-investiment bejn l-Istati Uniti u l-pajjiżi benefiċjarji. L-AGOA huwa wkoll maħsub biex tiġi inkoraġġita l-integrazzjoni ekonomika reġjonali u jiġu megħjuna l-pajjiżi benefiċjarji sabiex jipparteċipaw aktar bis-sħiħ fl-ekonomija globali.

Skont l-Istati Uniti, it-trattament mingħajr dazju pprovdut sa mill-2000 taħt l-AGOA jikkumplementa l-isforzi minn membri oħra tad-WTO biex jiġu promossi t-tkabbir u l-iżvilupp fir-reġjun.

It-talba għal eżenzjoni tkun it-tieni estensjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali. Fis-27 ta' Mejju 2009, l-Istati Uniti ingħataw eżenzjoni tal-obbligi tagħhom skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII, li tkopri l-perijodu sat-30 ta' Settembru 2015.

Għall-Unjoni Ewropea, it-talba għal eżenzjoni ma tqajjimx tħassib ekonomiku minħabba li t-trattament mingħajr dazju ma għandhux impatt fuq il-kummerċ tal-UE ma' pajjiżi benefiċjarji.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-Unjoni Ewropea għandha tissieħeb mal-kunsens favur it-talba għal eżenzjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO.

2015/0215 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex testendi l-programm tal-AGOA (AGOA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu IX tal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") jistabbilixxu l-proċeduri għall-eżenzjonijiet rigward il-Ftehimiet Multilaterali dwar il-Kummerċ fl-Anness 1A jew 1B jew 1C tal-Ftehim WTO u l-annessi tagħhom.

(2) L-Istati Uniti ngħataw eżenzjoni mill-obbligi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("GATT 1994") fis-27 ta' Mejju 2009 li tkopri l-perijodu sat-30 ta' Settembru 2015.

(3) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Ftehim tad-WTO, l-Istati Uniti bagħtu talba għal eżenzjoni sat-30 ta' Settembru 2025 tal-obbligi tagħha skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-GATT 1994 sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi permess li l-Istati Uniti jkomplu jipprovdu trattament mingħajr dazju għal prodotti eliġibbli li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji tal-Afrika sub-Saħarjana magħżula skont l-Att Afrikan dwar it-Tkabbir u l-Opportunitajiet li (AGOA).

(4) L-għoti skont it-talba tal-Istati Uniti ta' eżenzjoni tad-WTO ma għandux jaffettwa negattivament la l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u lanqas ir-relazzjonijiet kummerċjali mal-benefiċjarji tal-eżenzjoni. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea tappoġġa b'mod ġenerali l-azzjonijiet li jtaffu l-faqar u tippromwovi l-istabbiltà u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fil-pajjiżi tal-benefiċjarji.

(5) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Ġenerali tad-WTO biex tkun appoġġjata t-talba għal eżenzjoni mill-Istati Uniti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ tkun li tappoġġa t-talba tal-Istati Uniti biex ikunu eżentati mill-obbligi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu I u l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu XIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 mit-30 ta' Settembru 2025 f'konformità mat-termini tat-talba għal eżenzjoni mill-Istati Uniti.

Din il-pożizzjoni tiġi espressa mill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President